MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1745/2003

**Etienne Cassar**

**vs**

**Marvin MacKay u Lorraine Mackay**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-5 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-attur s-somma ta' elf, erbgha mija u wiehed u tmenin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm1481.12) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti. Bl-imghax kummercjali mid-data tal-bejgh sad-data tal-hlas effettiv.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi

pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur s-somma ta’ elf, erbgha mija u wiehed u tmenin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm1481.12), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------